# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.6

**Kap 2: Il-Ħbieb iħobbuna**

**Lezzjoni 2.6: Raw lil Ġeú u ġrew għal ħdejh**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jiċċelebraw u jilqgħu lil Ġesù bħala l-akbar ħabib tagħhom.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Stampa ta' Ġesù
- *Come meet Jesus* - diska

  http://youtu.be/zo9oMwnJWf8
- Bibbja
- Platti tal-karti ppreparati

  bil-kitba: *Ġesù jħobb lil kulħadd.*
- *Karta ta' Taħriġ 2.4: Raw lil Ġesù u ġrew għal ħdejh.*

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Uri stampa ta' qalb u staqsi lit-tfal ma' xiex jassoċċjaw il-qalb. Asal li nassoċċjaw il-qalb mal-imħabba u l-ħbiberija.
- Staqsi: Min hu l-akbar ħabib tagħna?
- Wara li tisma' diversi tweġibiet, oħroġ stampa ta' Ġesù.
- Staqsi: Għalfejn Ġesù huwa l-akbar ħabib tagħna? Iddiskutu.
- Oħroġ il-punt tal-interess li Ġesu wera lejn dawn it-tfal.
- Semma d-diska : *Come meet Jesus.*



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Aqra mill-Bibbja s-silta jew għidha fi kliemek ta' meta marru t-tfal għand Ġesù u l-Appostli waqqfuhom. Ġesù xorta ried li t-tfal imorru għandhom għax kien iħobbhom ħafna.
- Staqsi lit-tfal x'laqathom mill-istorja.
- Ħalli t-tfal jesprimu lilhom infushom.
- Staqsi: Kieku inti kont hemm kont tmur ħdejn Ġesù? X'kont tagħmel u x'kont tgħidlu?
- Agħċel xi tfal biex jirreċtaw is-silta mill-Bibbja li għadek kemm qrajt.

- Wara agħti platt tal-karti lil kull tifel u tifla, iżda qabel, fuq in-naħa ta' fuq ta' kull platt ikteb *Ġesù jħobb lil* ................................... imbagħad fin-nofs tal-platt kull tifel u tifla j/tpinġi wiċċu/ha u taħt j/tikteb ismu/isimha.

- Stiedem lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.4.

- Fakkar fl-istorja ta' Ġesu u t-tfal u għinhom ipoġġu s-sentenzi f'posthom.

- Spjega Attività 2 u ħalli t-tfal isibu l-kliem fil-*word search* u jniżżluhom fis-sentenza

- Aqra l-Attività ta' Sam u Tara u spjega kemm hu ikrah it-tgergir, imma kemm hu sew li naqdu bil-ferħ.



**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù huwa l-akbar ħabib tagħna u jixtieqna nkunu ferħana.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal ikabbru fihom imħabba lejn Ġesù għax hu l-akbar ħabib tagħhom u jħobbhom ilkoll.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Come meet Jesus:

http://youtu.be/zo9oMwnJWf8

Rappreżentazzjoni ta' meta Ġesù laqa' lit-tfal għandu.



## Nitolbu



O Ġesù għinna nagħrfu dejjem iżjed

kemm tħobbna u tieħu ħsiebna.